MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

# 9 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 28 bi tkomplja tal-Laqgħa 27

**It-Tnejn, 11 ta' Jannar, 2021**

Il-Laqgħa saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq il-Kbira San Ġużepp fil-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Is-Sur Gianluca Falzon | Viċi Sindku |
| Dott. Darren Carabott | Kunsillier |
| Is-Sur Kursten Dimech | Kunsillier |
| Is-Sur Joe Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is-Sa Courtney Farrugia | Kunsillier |

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

## 28.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

F'din il-laqgħa s-Sindku informa lill-membri lis-Sa Courtney Farrugia kienet indisposta minħabba l-eżitu tax-xogħol professjonali tagħha.

### 28.5 Rapporti / Korrispondenza

**28.5.1** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill minħabba l-EPOS irid ikun hemm linja diretta jew konnessjoni tal-WIFI. Min-naħa tal-MITA din ma tistax issir u wara li l-Kunsill informa lil BOV dawn irrispondew li normalment huma meta hadmu ma Kunsill oħra ħadmu bil-WIFI tal-GO plc. Wara li l-Kunsill daħal f'diskussjoni ma rappreżentanti tal-GO plc dawn infurmawna li l-ispiża għal dan is-servizz tlaħħaq €36 fis-sena.

Wara diskussjoni l-membri qablu unanimament

**28.5.2** Is-Sindku informa lill-membri li l-Gvern reġa ħareġ l-iskema tar-restawr u għaldaqstant il-Kunsill jista' japplika sabiex issir restawr fuq bini storiku. Wara diskussjoni fuq liema ikona f'Santa Venara li l-kunsill jista' japplika biex isir restawr fuqha, l-Kunsill ħass li għal din is-sena issir applikazzjoni sabiex isir restawr fuq il-binja tal-akkwadott.

Il-Membri qablu unanimament.

**28.5.3** Is-Sindku nforma lill-membri li waslet il-Kunsill talba mingħand l-Għaqda tan-Nar 26 ta' Lulju sabiex nhar l-Erbgħa 10 ta' Frar 2021 (Festa Nazzjonali), jorganizzaw *Car Wash* f'Misrah Santa Venera bejn 09:30 u 12:00.

Il-Membri qablu unanimament. F'dan l-listadju (7:15pm) daħal is-Sur Joe Vella u poġġa mal-mejda.

**28.5.4** Is-Sindku nforma lill-Membri li l-Kunsill talab għal tlett kwotazzjonijiet izda rċieva biss mingħand żewġ *suppliers* hekk kif kien deciż f'laqghat preċedenti sabiex issir dik il-grada sabeix il-kamra li hemm fit-taraġ ta' Triq il-Parilja li jgħati għall-Wied tal-Imsida tingħalaq minħabba l-abbuż li jista' jkun hemm. L-irhas kwotazzjoni kienet ta' Iron Factory li tammonta għal €315.

Il-Membri qablu unanimament

**28.5.5** Is-Sindku nforma lill-membri li waslet it-talba mingħand il-ħaddiema tal-Kunsill is-Sa Leanne Deguara u is-Sur Jordan Grech sabiex jitrasferixxu ammont ta' sigħat tal-vacation leave li kien fadlilhom mis-sena 2020 għas-sena 2021.

Il-Membri qablu unanimament.

**28.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

**28.6.3 Kuntratt tar-Riċiklaġġ – Espressjoni ta' Interess**

Is-Sindku informa lill-membri li l-Kuntratt li l-Kunsill għandu fuq il-gbir tal-iskart riċikabbli ser jiskadi dan ix-xhar. Huwa nfurmahom li saru diversi tentattivi sabiex issir laqgħa maż-żewġ kuntratturi iżda hadd minn dawn ma ġie lura sabiex niltaqgħu. Fid-dawl ta' dan kollu fl-aħjar interess tal-Kunsill huwa li tinħareġ espressjoni ta' interess sabiex naraw x'offerti ser nirċievu. Wara diskussjoni il-membri qablu sabiex isiru l-arranġamenti sabiex dan it-tip ta' ġbir isir darbtejn fil-ġimgħa minħabba l-fatt li tul l-aħħar snin il-popolazzjoni f'Santa Venera żdiedet u għaldaqstant ir-rimi tal-iskart ricikabbli żdied ukoll. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li fiż-żmien li ġej jixtieq ukoll sabiex jerġa' jidħol fis-seħħ ukoll il-ġbir tar-riċiklagg tal-ħwejjeġ u żraben filwaqt li ssuġġerixxa ukoll li jidżied ukoll il-ġbir tal-ħġieġ u tiżdied ġurnata oħra fl-iskeda.

Wara diskussjoni il-membri qablu unanimament

#### 28.6.4 *Data Protection Officer*

Is-Sindku nofrma lill-membri li l-Kuntratt tad-Data Protection Officer kien għal sena u għaldaqstant skada. Il-Kunsill talab għal kwotazzjonijiet iżda ma rcieviex lura ħlief mingħand d-Data Protection officer eżistenti.

Wara diskussjoni kien hemm qbil sabiex jekk il-Kunsill ma jirċiviex aktar kwotazzjonijiet jingħażel l-istess DPO u jekk nirċievu l-Kunsill imur fuq l-irħas kwotazzjoni.

Ġie ukoll irrimarkat li jridu jintalbu kwotazzjonijiet ukoll għal servizz ta' *Procurement Officer* liema xogħol kien qed jagħmlu Svetlick Flores.

#### 28.6.5 *Website* u *Social Media*

Is-Sindku informa lill-membri li fil-Kunsill wasal iż-żmien sabiex ninvestu f'websajt u jkollu *social media* adekwata sabiex b'hekk ikun aktar viċin ir-resident. Wara diskussjoni bejn il-membri ġie deċiż sabiex tinħareġ is-sejħa.

#### 28.6.6 Uniformijiet

Is-Sindku beda billi informa lill-membri li waqt li kien qed isir xi manutenzzjoni fis-saqaf tat-turretta tal-kunsill, wieħed mill-ħaddiema nnotifka lill-Kunsill li is-saqaf li hemm moħbi bis-suffit kien iswed u għaldaqstant minħabba l-periklu li jista' jkun hemm il-Kunsill talab lill-Perit sabiex ssir spezzjoni.

Is-Sindku qal li wara li issa qed isir tisbih fil-Kunsill ikun utli jekk il-ħaddiema jkollhom uniformi. Wara diskussjoni kien hemm qbil sabiex kemm il-ħaddiema li jaħdmu ġewwa l-uffiċċju u dawk li jahdmu barra jkollhom uniformi addatta skont ix-xogħol taghhom. F'dan ir-rigward id-Deputat Segretarju ġie mitlub sabiex igib il-kwotazzjonijiet u tinxtara l-uniformi.

## 28.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati

F'din il-laqgħa ma ġewx preżentati rapporti tal-laqgħat ta' kunitati jew sotto kumitati.

.

## 28.8 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-Iskeda tal-pagamenti ġiet diskussa u approvata. Skeda ta' pagament: Proponent: Silvio Vella u Sekondant: Kursten Dimech

## 28.9 Ilmenti

**28.9.1** Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 894 sa 50

| | |
|---|---|
| 894 | Ħaddiema assenjati |

| | |
|---|---|
| 912 | Jipprovdi l-permessi |
| 919 | Dak sqaq privat u l-Enemalta ma kienux tawna supply |
| 922 | Jipprovdi l-permessi |
| 924 | Diġa hemm speed bump |
| 926 | WO lil B Grima & Sons |
| 927 | WO lil Central Asphalt |
| 930 | Trid issr applikazzjoni mill-applikant iniffsu |
| 931 | Jinbidlu l-brackets |
| 932 | CM |
| 934 | WO lil B Grima & Sons |
| 935 | TM |
| 936 | Wara li jkollna approvazzjoni minn TM fuq ilment 935 |
| 937 | Issir U-Bar - Ħaddiema Assenjati |
| 938 | Jipprovdi l-permessi |
| 939 | TM |
| 944 | CM |
| 945 | Ħaddiema assenjati |

| | |
|---|---|
| 948 | Tinkiteb ittra lis-Supt. Ta' B'Kara |
| 954 | Applikazzjoni mal-ERA |
| 955 | WO lil Micamed |
| 956 | Pulizija |
| 957 | WO lil B Grima & Sons |
| 958 | TM |
| 965 | Infrastruture Malta |
| 970 | Ħaddiema Assenjati jekk hemm il-permessi neċessarji |
| 971 | WO lil B Grima & Sons |

| | |
|---|---|
| 001 | Grima & Sons |
| 003 | Silvio Vella għandu jinforma lill-Kunsill dwar dan ix-xogħol |
| 004 | Il-Kunsill jitlob għall-permessi |
| 012 | Isiru tlett Ubars mill-Ħaddiema Assenjati |
| 015 | Infrastructure Malta |
| 027 | Ma tistax issir sakemm ma ssirx mal-faċċata jekk jaqblu r-residenti |
| 028 | (i) Jitneħħew |

| | |
|---|---|
| | (ii) Pulizija |
| 031 | Jinġabru l-firem tar-residenti li joqgħodu fejn qed issir it-talba |
| 032 | Ma tistax issir |
| 033 | Ma tistax issir |
| 035 | Ma tistax issir |
| 037 | Ma tistax issir minħabba li dik saret skont kif inhu mitlub minn TM |
| 038 | Tista' ssir a' spejjeż ta' min talabha |
| 039 | Contracts Manager |
| 046 | Grima & Sons |
| 050 | Kuntrattur tal-bankini u jintuza il-madum tal-konkos li hemm fi ġnien Romeo Romano |
| 052 | Contracts Manager sabiex jiċċekkja jekk il-parking bay ta' quddiem id-Day Centre tistax tikber |

## 28.10 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

Is-Sindku wieġeb għal mistoqsijiet imressqa minn Dott. Carabott u qedgħi annessi bħala Dok 'A'.

## 28.11 Mozzjoni: Parkeġġ

Is-Sindku informa lill-membri dwar mozzjoni li ġiet ppreżentata mill-membri tal-Kunsill Dott Darren Carabott, is-Sa Courtney Farruiga u s-Sur Joseph Vella fejn din il-mozzjoni titratta dwar il-parkeġġ f'Santa Venera. Dott Carabott qara din il-mozzjoni liema mozzjoni tinsab annessa bħal Anness 1.

Wara diskussjoni is-Sindku qal li għandu emenda fuq il-mozzjoni u għaldaqstant qara din l-emenda li tinsab bħal Anness 2.

Din l-emenda ġiet diskussa bejn il-membri fejn liema emenda tal-mozzjoni ġiet proponuta mis-Sindku Stephen Sultana u ssekondata mis-Sur Silvio Vella. Is-Sindku talab sabiex jittieħed vot fuq din l-emenda fuq il-mozzjoni prezentata minn Dott. Carabott fejn il-Membri kolla preżenti kienu kollha ivvutaw favur fuq din l-emenda wara li saret korrezzjoni żgħira fuqha.

## 28.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fit-8.00 pm u ġiet aġġornata għat-8 ta' Frar 2021, fis-6.30pm

Stephen Sultana — Michael Mifsud
Sindku — Deputat Segretarju Eżekuttiv